REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/282

tal-21 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/124 fir-rigward ta' daqsijiet ġodda tal-malji fis-sajd tal-bakkaljaw u l-mudell tar-rapport tal-osservatur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1627 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 u (KE) Nru 1386/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tan-NAFO"), li ġiet approvata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/833 jimplimenta l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar ("CEM") tan-NAFO fid-dritt tal-Unjoni.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/124 ([3]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/833 b'għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO.

(4) Fil-laqgħa annwali tagħha f'Settembru 2024, in-NAFO emendat is-CEM tagħha billi żiedet daqsijiet ġodda tal-malji fis-sajd tal-bakkaljaw u emendat il-mudell tar-rapport tal-osservatur.

(5) Jenħtieġ li dawn l-emendi jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/833 u r-Regolament Delegat (UE) 2020/124 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tar-Regolament (UE) 2019/833, jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) għall-bakkaljaw (COD) fid-Diviżjonijiet 3L u 3M: 155 mm jew 130 mm meta jintuża l-għarbiel imsemmi fl-Artikolu 14(3a).".

([1]) ĠU L 141, 28.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/833/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1978/3179/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/124 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 34 I, 6.2.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/124/oj).

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2020/124 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2024

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2020/124 huwa emendat kif ġej:

(1) il-Punt 13, l-Anness I.D tas-CEM imsemmi fl-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/833 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Daqs Minimu tal-Ħut (*)

Speċijiet	Ħut mingħajr garġi u mingħajr intestini, imqaxxar jew le; frisk jew imkessaħ, iffriżat, jew immellaħ.			
	Sħaħ	Bla Ras	Bla Ras u Bla Denb	Bla Ras u Maqsum
Bakkaljaw tal-Atlantiku	41 cm (***)	27 cm	22 cm	27/25 cm (**)
Ħalibatt ta' Greenland	30 cm	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
Barbun tat-tbajja' Amerikan	25 cm	19 cm	15 cm	Mhux Applikabbli
Barbun denbu isfar	25 cm	19 cm	15 cm	Mhux Applikabbli

(*) Id-daqs tal-ħut jirreferi għat-tul sal-furketta għall-Bakkaljaw tal-Atlantiku; it-tul totali għall-ispeċijiet l-oħra.
(**) Daqsijiet iżgħar għall-ħut frisk immellaħ.
(***) 43 cm fi 3L.";

(2) fil-punt 35, ir-rapport tal-Osservatur fl-Anness II.M tas-CEM imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 27(11) tar-Regolament (UE) 2019/833, fil-Mudell tar-Rapport tal-Osservatur Standardizzat, skont il-Punt 1.1., l-Anness II.M Informazzjoni dwar ir-Rapport Standardizzat tal-Osservatur dwar il-Vjaġġi, il-Parti 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Parti 3. Osservazzjonijiet dwar il-Vjaġġ**

Daħħal l-osservazzjoni dwar:

Osservazzjonijiet	Iva/Le	Dettalji
Kull inċident ta' ostakolar, intimidazzjoni, indħil fix-xogħol tal-osservatur jew kull attentat li dan/din jitwaqqaf/titwaqqaf mill-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha.		
Sommarju tan-nuqqas potenzjali ta' konformità mas-CEM (jekk jogħġbok inkludi r-referenzi)		
Il-funzjonament tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita (irrapporta kull interruzzjoni, tbagħbis u ħsarat)		
Trasbordi (irrapportahom kollha)		
Spezzjonijiet fuq il-Baħar (irrapporta d-dati, il-ħinijiet u kull osservazzjoni oħra)		
Skart jew fdalijiet oħra tal-baħar (inkluż il-bastiment tal-iskariku, lat/longˇ, data/ħin, u deskrizzjoni tal-iskart)		
Kwalunkwe osservazzjoni oħra"		